MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2012

Numru 128/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**MIGUEL FALZON**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MIGUEL FALZON** ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena, iben Michael u Jude Varda xebba Falzon, imwieled il-Pieta’ nhar it-25 ta’ Awissu 1988 u residenti 12, Zahra, Flat 1, Triq il-Friefet, Marsaskala u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ Numru 466488(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar l-5 ta’ Frar 2012 bejn il-hamsa ta’ filghodu (05:00am) u l-hamsa u nofs ta’ filghodu (05:30am), gewwa San Giljan:

1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz

pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz .

2. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi; attakka jew ghamel reżistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti.

3. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi; volontarjament kiser il- bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

4. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku.

5. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kien jinsab fis-sakra b’mod li ma kienx jista’ jiehu hsieb tieghu innifsu.

6. U b’hekk kiser il-provedimenti ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 moghtija lilu nhar is-17 ta’ Novembru 2011 mill-Magistrat Dr Anthony Vella LL.D.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni u cioe’ att mill-estratt tat-twelid tal-imputat, fedina penali ta’ l-imputat, okkorrenza u kunsens ta’ l-Avukat Generali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita’ moghtija lilu nhar is-sitta (6) ta’ Frar 2012, u cioe’ fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-Artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni

darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

**Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 95, 96, 338 (dd)(ee)(ff) tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi li issib lill-imputat MIGUEL FALZON hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u b'hekk tpoggih taht ordni ta' probation ghall-perjodu massimu permess mill-ligi ta' tliet (3) snin ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skond id-digriet hawn anness.**

Din il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri jekk huwa jonqos li josserva parti minnha jew jekk jikkommetti reat ta' natura volontarja waqt id-durata tal-probation order.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services bil-ghan li jigi nominat kandidat idejali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------